



Brussell, 13 ta' Marzu 2020
(OR. en)

6771/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

SOC 147
EMPL 122
SAN 90
GENDER 19
ANTIDISCRIM 13
FREMP 21

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Approċċ ġenerali

1. F'Ġunju 2019, fil-108 sessjoni (f'għeluq il-mitt sena) tagħha, il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol adottat il-Konvenzjoni 190 dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol¹, flimkien mar-Rakkomandazzjoni 206². Il-Konvenzjoni 190 hija l-ewwel strument internazzjonali li jistabbilixxi standards speċifiċi u applikabbli globalment dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju relatati max-xogħol.

¹ https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:C190

² https://www.ilo.org/dyn/normlex/en/f?p=NORMLEXPUB:12100:0::NO::P12100_ILO_CODE:R206

2. Fit-22 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta għal “Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol”, dwar il-partijiet tal-Konvenzjoni li l-Kummissjoni vvalutat li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(2) TFUE.
3. Wara d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, fil-11 ta' Marzu 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni bit-tħassir tal-Artikolu 2, kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Rapport, u qabel li jgħaddih lill-Kunsill għall-adozzjoni ta' approċċ ġenerali.
4. Id-delegazzjonijiet li ġejjin żammew riżervi jew indikaw il-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet:
 - BG u SK żammew ir-riżervi ġenerali tagħhom;
 - DK u PL żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari;
 - HU ser toħroġ dikjarazzjoni li għandha tinhemeż mal-minuti tal-Kunsill.
5. Wara li tħassret is-sessjoni tal-Kunsill (EPSCO) tad-19 ta' Marzu minħabba t-tifqigħa ta' COVID-19, l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali ser tiżdied mal-aġenda ta' sessjoni tal-Kunsill li jmiss bħala punt "A".
6. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta, bħala punt “A”, approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Rapport.

Meta mqabbel mal-aħħar verżjoni (ST 6533/20), wara l-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti f'il-11 ta' Marzu 2020, l-Artikolu 2 tneħħa.

Abbozz

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2), flimkien mal-punti (a) u (i) tal-Artikolu 153 (1) u (6) (a) (v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fl-2019, fil-108 sessjoni tagħha, il-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol adottat il-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza u tal-fastidju fid-dinja tax-xogħol, li tista' tiġi kkwotata bħala l-Konvenzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190), ("il-Konvenzjoni").
- (2) L-Unjoni tippromwovi r-ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol li ġew ikklassifikati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol bħala aġġornati sabiex jiġi promoss xogħol deċenti għal kulħadd, għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni.
- (3) Xi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni huma koperti mill-kompetenza tal-Unjoni fl-oqsma tal-politika soċjali f'konformità mal-Artikolu 153 (2) u l-Artikolu 153 (1) (a) u (i) TFUE fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-impjieg u fix-xogħol.

- (4) Partijiet tal-Konvenzjoni jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni.
- (5) L-Unjoni ma tistax tirratifika l-Konvenzjoni, ladarba l-Istati biss jistgħu jkunu partijiet għaliha.
- (6) F'din is-sitwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu awtorizzati li jirratifikaw il-partijiet tal-Konvenzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni billi jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza mogħtija lill-Unjoni Ewropea fl-Artikoli 153 (2) u 153(1) (a) u (i) TFUE, l-Istati Membri huma awtorizzati li jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019, (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

[...]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President